IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 12.6.2018
COM(2018) 473 final

ANNEXES 1 to 8

ANNESSI

ta'

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntiera, l-istrumenti għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi

{SEC(2018) 315 final} - {SWD(2018) 347 final} - {SWD(2018) 348 final}

ANNESS I

Kriterji għall-allokazzjoni ta' finanzjament għal programmi taħt ġestjoni kondiviża

1. Ir-riżorsi disponibbli msemmija fl-Artikolu 10 għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri kif ġej:

   (a) kull Stat Membru għandu jirċievi ammont fiss ta' EUR 5 000 000 mill-istrument ta' finanzjament fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni biss;

   (b) ammont ta' EUR 157 200 000 għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali li għandhom jiġu allokati lil-Litwanja fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni biss;

   (c) u r-riżorsi li jifdal imsemmija fl-Artikolu 10 għandhom ikunu distribwiti fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

   30 % għal fruntieri esterni fuq l-art;

   35 % għal fruntieri esterni tal-baħar;

   20 % għall-ajruporti;

   15 % għall-uffiċċji konsulari.

2. Ir-riżorsi disponibbli skont il-paragrafu 1(c) għal fruntieri esterni fuq l-art u fruntieri esterni tal-baħar għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri kif ġej:

   (a) 70 % għat-tul tal-fruntieri esterni fuq l-art u l-fruntieri esterni tal-baħar, li se jiġu kkalkulati abbażi ta' fatturi ta' ponderazzjoni għal kull sezzjoni speċifika kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1052/2013[1], iddeterminati skont il-paragrafu 11; kif ukoll

   (b) 30 % għall-ammont ta' xogħol fil-fruntieri esterni tagħhom fuq l-art u tal-baħar, hekk kif determinati skont il-paragrafu 7(a).

3. Il-ponderazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2(a) għandha tiġi ddeterminata mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont il-paragrafu 11.

4. Ir-riżorsi disponibbli skont il-paragrafu 1(c) għall-ajruporti għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri skont l-ammont ta' xogħol fl-ajruporti tagħhom, hekk kif determinat skont il-paragrafu 7(b).

5. Ir-riżorsi disponibbli skont il-paragrafu 1(c) għal uffiċċji konsulari għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri kif ġej:

   (a) 50 % għall-għadd ta' uffiċċji konsulari (minbarra l-konsulati onorarji) tal-Istati Membri fil-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001[2], u

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur), (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 11.).

[2] ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa.

(b) 50 % għall-ammont ta' xogħol fir-rigward tal-ġestjoni tal-politika dwar il-viżi fl-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri fil-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001, hekk kif determinat skond il-paragrafu 7(c) ta' dan l-Anness.

6. Għall-fini tad-distribuzzjoni tar-riżorsi skont paragrafu 1(c), "il-fruntieri esterni tal-baħar" għandha tfisser il-limitu estern tal-baħar territorjali tal-Istati Membri kif definit skont l-Artikoli minn 4 sa 16 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. Madankollu, f'każijiet fejn huma meħtieġa regolarment operazzjonijiet fuq distanza twila sabiex jipprevjenu l-migrazzjoni illegali jew dħul illegali, din għandha tkun il-limitu estern ta' żoni b'theddid b'livell ta' theddid għoli. Id-definizzjoni ta' "fruntieri esterni tal-baħar" f'dan ir-rigward għandha tiġi determinata billi jittieħed kont tad-*data* operattiva tul l-aħħar sentejn hekk kif ipprovduta mill-Istati Membri kkonċernati. Din id-definizzjoni għandha tintuża esklussivament għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

7. Għall-finijiet tal-allokazzjoni inizjali ta' finanzjament, l-evalwazzjoni tal-ammont ta' xogħol għandu jkun ibbażat fuq l-aħħar medja ta' figuri li jkopri s-36 xahar preċedenti disponibbli fid-data tal-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament. Għall-finijiet tal-allokazzjoni inizjali ta' finanzjament, il-valutazzjoni tal-ammont ta' xogħol għandha tkun ibbażata fuq l-aħħar medja ta' figuri li tkopri s-36 xahar preċedenti disponibbli fid-data tar-rieżami ta' nofs it-terminu fl-2024. Il-valutazzjoni tal-ammont ta' xogħol għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi li ġejjin:

(a) fil-fruntieri esterni fuq l-art u fruntieri esterni tal-baħar:

(1) 70 % għall-għadd ta' vjaġġi li jaqsmu l-fruntiera esterna f'punti ta' qsim tal-fruntiera awtorizzati;

(2) 30 % għall-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew miċħuda d-dħul fil-fruntiera esterna.

(b) fl-ajruporti:

(1) 70 % għall-għadd ta' vjaġġi li jaqsmu l-fruntiera esterna f'punti ta' qsim tal-fruntiera awtorizzati;

(2) 30 % għall-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew miċħuda d-dħul fil-fruntiera esterna.

(c) f'uffiċċji konsulari:

l-għadd ta' applikazzjonijiet għal viża għal soġġorn qasir jew tranżitu minn ajruport.

8. Iċ-ċifri ta' referenza għall-għadd ta' uffiċċji konsulari kif imsemmija fil-paragrafu 5(a) għadhom jiġu kkalkulati skont l-informazzjoni li tinsab fl-Anness 28 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 1620 tat-19 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi l-Manwal għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-viża u l-modifiki fuq viżi maħruġa.

Meta l-Istati Membri ma jipprovdux l-istatistiki kkonċernati, għandha tintuża l-aħħar *data* disponibbli għal dawk l-Istati Membri. Meta ma jkun hemm l-ebda *data* disponibbli għal Stat Membru, iċ-ċifra ta' referenza għandha tkun żero.

9. Iċ-ċifri ta' referenza dwar l-ammont tax-xogħol imsemmija:

(a) f'paragrafu 7(a)(1) u 7(b)(1) għandhom ikunu l-aħħar statistiki pprovduti mill-Istati Membri skont il-liġi tal-Unjoni;

(b) f'paragrafu 7(a)(2) u 7(b)(2) għandhom ikunu l-aħħar statistiki prodotti mill-Kummissjoni (Eurostat) abbażi ta' *data* pprovduta mill-Istati Membri skont il-liġi tal-Unjoni;

(c) f'paragrafu 7(c) għandhom ikunu l-aħħar statistiki tal-viża ppubblikati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 46 tal-Kodiċi dwar il-Viżi[3].

(d) Meta l-Istati Membri ma jipprovdux l-istatistiki kkonċernati, għandha tintuża l-aħħar *data* disponibbli għal dawk l-Istati Membri. Meta ma jkun hemm l-ebda *data* disponibbli għal Stat Membru, iċ-ċifra ta' referenza għandha tkun żero.

10. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'rapport dwar it-tqassim ta' riżorsi fir-rigward ta' fruntieri esterni fuq l-art, fruntieri esterni tal-baħar u l-ajruporti, kif imsemmi fil-paragrafu 1(c).

11. Għall-finijiet tal-allokazzjoni inizjali, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 10 għandu jidentifika l-livell medju tat-theddida għal kull sezzjoni tal-fruntiera abbażi tal-aħħar ċifri medji li jkopru l-aħħar 36 xahar fid-data tal-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament. Għall-finijiet tal-analiżi ta' nofs it-terminu, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 10 għandu jidentifika l-livell medju ta' theddida għal kull sezzjoni tal-fruntiera abbażi tal-aħħar ċifri medji li jkopru l-aħħar 36 xahar disponibbli fid-data tal-analiżi ta' nofs it-terminu fl-2024. Għandu jiddetermina l-fatturi speċifiċi għall-ponderazzjoni li ġejjin għal kull sezzjoni bl-applikazzjoni tal-livelli ta' theddid kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1052/2013:

(a) fattur 0,5 għal livell baxx ta' theddid;

(b) fattur 3 għal livell medju ta' theddid;

(c) fattur 5 għal livell għoli ta' theddid;

(d) fattur 8 għal livell kritiku ta' theddid.

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (il-Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

ANNESS II

Miżuri ta' implimentazzjoni

1. L-istrument għandu jikkontribwixxu għall-għan speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(2)(a) billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:

   (a) itejjeb il-kontroll mal-fruntieri f'konformità mal-Artikolu 4(a) tar-Regolament (UE) 2016/1624 billi:

      i. isaħħaħ il-kapaċitajiet għat-twettiq ta' kontrolli u sorveljanza fil-fruntieri esterni, inklużi miżuri marbuta mal-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-kriminalità transfruntiera, bħall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, traffikar ta' bnedmin u terroriżmu;

      ii. jappoġġa t-tiftix u s-salvataġġ fil-kuntest tat-twettiq ta' sorveljanza tal-fruntieri fuq il-baħar;

      iii. jimplimenta miżuri tekniċi u operazzjonali fiż-żona Schengen li huma relatati mal-kontroll tal-fruntieri;

      iv. iwettaq analiżi tar-riskji għas-sigurtà interna u l-analiżijiet tat-theddid li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament jew is-sigurtà tal-fruntieri esterni;

      v. jappoġġa, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, Stati Membri li qed jiffaċċjaw attwalment jew potenzjalment pressjoni migratorja sproporzjonata fil-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll permezz ta' tisħiħ tekniku u operazzjonali, u permezz tal-mobilizzazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'żoni hotspot.

   (b) jiżviluppa aktar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, permezz tal-bini ta' kapaċità komuni, l-akkwist konġunt, l-istabbiliment ta' standards komuni u kwalunkwe miżura oħra li tissimplifika il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta;

   (c) itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell nazzjonali fost l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-kontroll jew minn kompiti mwettqa fil-fruntiera, u f'livell tal-UE bejn l-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri, fuq naħa, u l-korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni jew ta' pajjiżi terzi, fuq in-naħa l-oħra;

   (d) jiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-*acquis* tal-Unjoni fuq il-fruntieri esterni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet minn mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità bħalma huma l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1624, u mekkaniżmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità;

   (e) jistabbilixxi, jopera u jmantni sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, inkluża l-interoperabbiltà ta' dawn is-sistemi tal-IT u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom.

2. L-istrument għandu jikkontribwixxu għall-għan speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(2)(b) billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:

(a) jipprovdi servizzi effiċjenti u faċli għall-klijenti lill-applikanti għal viża filwaqt li jżomm is-sigurtà u l-integrità tal-proċedura tal-viża;

(b) jiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-*acquis* tal-Unjoni dwar il-viżi, inkluż aktar żvilupp u modernizzazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi;

(c) jiżviluppa forom differenti ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-ipproċessar tal-viżi;

(d) jistabbilixxi, jopera u jmantni sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi, inkluża l-interoperabbiltà bejn dawn is-sistemi tal-IT u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom.

ANNESS III

Ambitu ta' appoġġ

1. Fi ħdan l-għan speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a), l-istrument għandu jappoġġa b'mod partikolari dan li ġej:

   (a) infrastrutturi, bini, sistemi u s-servizzi meħtieġa fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, f'żoni hotspot u għas-sorveljanza tal-fruntieri bejn il-punti ta' qsim tal-fruntieri biex jiġi pprevenut u indirizzat il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri, l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera fil-fruntieri esterni, kif ukoll biex jiġu żgurati flussi bla xkiel ta' vjaġġaturi leġittimi;

   (b) tagħmir operattiv, inklużi mezzi ta' trasport u sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv u sikur tal-fruntieri, skont l-istandards li żviluppat l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, fejn jeżistu standards bħal dawn;

   (c) taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, jew kontribut lil dan l-iżvilupp, b'kont meħud tal-ħtiġijiet operattivi u l-analiżi tar-riskju u f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali;

   (d) is-sekondar ta' uffiċjali ta' kollegament f'pajjiżi terzi kif definit fir-Regolament (UE) Nru …/ … [ir-Regolament il-ġdid tal-ILO][4] u s-sekondar ta' gwardji tal-fruntieri u esperti rilevanti oħra lil Stati Membri jew minn Stat Membru għal pajjiż terz, rinforz tal-kooperazzjoni u l-kapaċità operattiva ta' netwerks ta' uffiċjali ta' kollegament esperti, kif ukoll l-iskambju tal-aħjar prattiki u ż-żieda tal-kapaċità tan-netwerks Ewropej biex jivvalutaw, jippromwovu, jappoġġaw u jiżviluppaw politiki tal-Unjoni;

   (e) studji, proġetti pilota u azzjonijiet oħra rilevanti bil-għan li jimplimentaw jew jiżviluppaw il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inklużi miżuri li jimmiraw lejn l-iżvilupp ta' Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, bħal bini komuni ta' kapaċità, l-akkwist konġunt, l-istabbiliment ta' standards komuni u miżuri oħra li jissimplifikaw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Istati Membri;

   (f) azzjonijiet li jiżviluppaw metodi innovattivi jew li jimmobilizzaw teknoloġiji ġodda b'potenzjal għal trasferibbiltà lejn Stati Membri oħra, b'mod partikolari l-użu ta' riżultati ta' proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà fejn tali mobilizzazzjoni tkun ġiet identifikata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, li taġixxi skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/1624, bħala kontribut għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet operazzjonali tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta;

   (g) attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi meħtieġa biex jiġu implimentati l-politiki tal-fruntieri esterni, inkluż biex tissaħħaħ il-governanza taż-żona Schengen billi jiżviluppaw u jimplimentaw il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, inkluża n-nefqa tal-missjoni għall-esperti tal-

[4] ĠU L […], […]. p.

Kummissjoni u l-Istati Membri li jipparteċipaw fi żjarat fuq il-post kif ukoll miżuri biex jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet maħruġa wara valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1624;

(h) identifikazzjoni, teħid tal-marki tas-swaba', reġistrazzjoni, verifiki ta' sigurtà, għoti ta' informazzjoni, skrinjar mediku u ta' vulnerabbiltà u, fejn meħtieġ, kura medika kif ukoll riferiment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-proċedura xierqa fil-fruntieri esterni, b'mod partikolari f'żoni hotspot;

(i) attivitajiet immirati li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-politiki tal-fruntieri esterni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluża komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni;

(j) żvilupp ta' għodod, metodi u indikaturi ta' statistika;

(k) appoġġ operattiv għall-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri.

2. Fi ħdan l-għan speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(b), l-istrument għandu jappoġġa b'mod partikolari dan li ġej:

(a) l-infrastrutturi u l-bini meħtieġ għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viżi u l-kooperazzjoni konsulari, inklużi miżuri ta' sigurtà, kif ukoll azzjonijiet oħra mmirati biex itejbu l-kwalità tas-servizz lil applikanti għall-viżi;

(b) l-apparat operatorju u s-sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viżi u kooperazzjoni konsulari;

(c) taħriġ ta' persunal konsulari u oħrajn li jikkontribwixxu għall-politika komuni dwar il-viża u l-kooperazzjoni konsulari;

(d) l-iskambju tal-aħjar prattiki u esperti, inkluż is-sekondar ta' esperti, kif ukoll iż-żieda tal-kapaċità tan-netwerks Ewropej biex jivvalutaw, jippromwovu, jappoġġaw u jiżviluppaw iktar il-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni;

(e) studji, proġetti pilota u azzjonijiet oħra rilevanti, bħal azzjonijiet immirati biex itejbu l-għarfien permezz ta' analiżi, monitoraġġ u evalwazzjoni;

(f) azzjonijiet li jiżviluppaw metodi innovattivi jew li jimmobilizzaw teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibbiltà, b'mod speċjali proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw l-eżitu ta' proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni;

(g) attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi, inklużi biex isaħħu l-governanza taż-żona Schengen billi jiżviluppaw u jimplimentaw il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, inkluża n-nefqa tal-missjoni għall-esperti tal-Kummissjoni u l-Istati Membri li jipparteċipaw fi żjarat fuq il-post;

(h) attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-politiki tal-viżi fost il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali, inkluża komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni;

(i) żvilupp ta' għodod, metodi u indikaturi ta' statistika;

(j) appoġġ operattiv għall-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi.

3. Fi ħdan l-għan ta' politika msemmi fl-Artikolu 3(1), l-istrument għandu jappoġġa b'mod partikolari dan li ġej:

(a) infrastrutturi u bini meħtieġa għall-hosting ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u komponenti tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni relatati;

(b) tagħmir u sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat it-tħaddim xieraq ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira;

(c) attivitajiet ta' taħriġ u komunikazzjoni fir-rigward ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira;

(d) żvilupp u aġġornar ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira;

(e) studji, provi ta' kunċetti, proġetti pilota u azzjonijiet oħra rilevanti relatati mal-implimentazzjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira inkluża l-interoperabbiltà tagħhom;

(f) azzjonijiet li jiżviluppaw metodi innovattivi jew li jimmobilizzaw teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibbiltà, b'mod speċjali proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw l-eżitu ta' proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni;

(g) żvilupp ta' għodod, metodi u indikaturi statistiċi għal sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-viża u tal-fruntieri;

(h) appoġġ operattiv għall-implimentazzjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira.

ANNESS IV

Azzjonijiet eliġibbli għal kofinanzjament ogħla f'konformità mal-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 12(14)

(1) Ix-xiri ta' tagħmir operattiv permezz ta' skemi ta' akkwist konġunt mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntieri u tal-Kosta, biex jitpoġġew għad-disponibbiltà tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntieri u tal-Kosta għall-attivitajiet operattivi tagħha f'konformità mal-Artikolu 39(14) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624.

(2) Miżuri li jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji bejn Stat Membru u pajjiż terz ġar li miegħu l-UE għandha fruntiera fuq l-art jew fruntiera marittima komuni.

(3) Żvilupp ulterjuri tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, permezz tal-bini ta' kapaċità komuni, l-akkwist konġunt, l-istabbiliment ta' standards komuni u kwalunkwe miżura oħra li tissimplifika l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta; kif indikat fil-paragrafu 1(b) tal-Anness II.

(4) L-użu konġunt tal-uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni kif imsemmi fl-Anness III.

(5) Miżuri li jtejbu l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u jtejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera għall-identifikazzjoni tat-traffikanti fil-qafas tal-kontroll fuq il-fruntieri.

(6) Miżuri li jvaraw, jittrasferixxu, jippruvaw u jivvalidaw metodoloġija jew teknoloġija ġdida, inklużi proġetti pilota u miżuri ta' segwitu għal proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni, kif imsemmija fl-Anness III.

(7) Miżuri għat-twaqqif u t-tmexxija ta' żoni hotspot fi Stati Membri li qed jaffaċċaw pressjonijiet migratorji sproporzjonati u eċċezzjonali attwali jew potenzjali.

(8) Iktar żvilupp ta' forom ta' koperazzjoni fost l-Istati Membri fl-ipproċessar tal-viżi, kif deskritt f'paragrafu 2(c) tal-Anness II.

(9) Żieda tal-preżenza konsulari jew rappreżentazzjoni tal-Istati Membri f'pajjiżi fejn il-viża hija meħtieġa, b'mod partikolari f'pajjiżi fejn l-ebda Stat Membru ma huwa attwalment preżenti.

ANNESS V

Indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin imsemmija fl-Artikolu 25(1)

(a) Għan speċifiku 1: Appoġġ tal-ġestjoni effikaċi integrata Ewropea tal-fruntieri fuq il-fruntieri esterni implimentati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, biex tiġi pprevenuta u identifikata l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera u biex jiġu ġestiti effettivament flussi migratorji:

(1) L-għadd ta' qsim irregolari tal-fruntiera li nqabad fil-fruntieri esterni tal-UE a) bejn il-punti tal-qsim tal-fruntiera; u b) fil-punti tal-qsim tal-fruntiera

Sors tad-data: l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

(2) L-għadd ta' persuni li qegħdin jużaw dokumenti tal-ivvjaġġar foloz li jkunu nqabdu fil-punti ta' qsim tal-fruntieri

Sors tad-data: l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

(b) Għan speċifiku 2: Appoġġ tal-politika komuni tal-viża biex tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u tipprevjeni r-riskji migratorji u tas-sigurtà:

(1) L-għadd ta' persuni li użaw dokumenti tal-ivjaġġar foloz li nqabdu f'konsulati sostnuti mill-Fond

Sors tad-data: L-Istati Membri[5]

(2) Żmien medju għad-deċiżjoni (u xejriet) fil-proċedura tal-viża

Sors tad-data: L-Istati Membri[6]

---

5 *Data* għal dan l-indikatur hija miġbura mill-Istati Membri permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Viża (VIS) u tista' tiġi aċċessata mill-Kummissjoni fil-ġejjieni għall-finijiet ta' rappurtar u statistika, sakemm isiru n-negozjati dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [Ir-Regolament tal-Interoperabbiltà], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI (COM(2018) 302 finali tas-16 ta' Mejju 2018).

6 Idem.

ANNESS VI

Tipi ta' interventi

TABELLA 1: IL-KODIĊIJIET GĦAD-DIMENSJONI TAL-QASAM TAL-INTERVENT

I. Ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri	
001	Verifiki fuq il-fruntieri
002	Sorveljanza tal-fruntieri - assi tal-ajru
003	Sorveljanza tal-fruntieri - assi tal-art
004	Sorveljanza tal-fruntieri - assi marittimi
005	Sorveljanza tal-fruntieri - sistemi ta' sorveljanza tal-fruntieri awtomatizzati
006	Sorveljanza tal-fruntieri - miżuri oħra
007	Miżuri tekniċi u operazzjonali fiż-żona Schengen li huma relatati mal-kontroll tal-fruntieri
008	Għarfien tas-sitwazzjoni u skambju ta' informazzjoni
009	Analiżi tar-riskju
010	L-ipproċessar ta' *data* u informazzjoni
011	Żoni Hotspot
012	Żvilupp tal-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta Ewropea
013	Kooperazzjoni bejn l-aġenziji - livell nazzjonali
014	Kooperazzjoni bejn l-aġenziji - livell tal-Unjoni Ewropea
015	Kooperazzjoni bejn l-aġenziji - ma' pajjiżi terzi
016	Mobilizzar ta' uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni konġunti
017	Sistemi tal-IT fuq skala kbira - Eurodac għal finijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri
018	Sistemi tal-IT fuq skala kbira - Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)
019	Sistemi tal-IT fuq skala kbira - Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)
020	Sistemi tal-IT fuq skala kbira - Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SISII)
021	Sistemi tal-IT fuq skala kbira - Interoperabbiltà
022	Appoġġ operattiv - Ġestjoni integrata tal-fruntieri
023	Appoġġ operattiv - Sistemi tal-IT fuq skala kbira għal finijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri
024	Appoġġ operattiv - Skema ta' Tranżitu Speċjali
II. Politika komuni dwar il-viżi	
001	Titjib tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża
002	Tisħiħ tal-effiċjenza, ta' ambjent li jiffavorixxi lill-klijenti u s-sigurtà fil-konsulati
003	Sigurtà tad-dokumenti / konsulenti tad-dokumenti

004	Kooperazzjoni konsulari
005	Kopertura konsulari
006	Sistemi tal-IT fuq skala kbira - Sistema ta' Informazzjoni tal-Visa (VIS)
007	Sistemi oħra tal-IT għal finijiet tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża
008	Appoġġ operattiv - Politika komuni dwar il-viżi
009	Appoġġ operattiv - Sistemi tal-IT fuq skala kbira għal finijiet tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża
010	Appoġġ operattiv - Skema ta' Tranżitu Speċjali
	III. Assistenza teknika
001	Informazzjoni u komunikazzjoni
002	Tħejjija, implimentazzjoni, monitoraġġ u verifika
003	Evalwazzjoni u studji, ġbir ta' *data*
004	Żvilupp tal-ħiliet

TABELLA 2: KODIĊIJIET GĦAT-TIP TA' DIMENSJONI TA' AZZJONI

001	infrastrutturi u bini
002	mezzi ta' trasport
003	tagħmir operattiv ieħor
004	sistemi ta' komunikazzjoni
005	sistemi tal-IT
006	taħriġ
007	skambju ta' prattiki tajba - bejn l-Istati Membri
008	skambju ta' prattiki tajba - ma' pajjiżi terzi
009	mobilizzar tal-esperti
010	studji, provi ta' kunċett, proġetti pilota u azzjonijiet simili
011	attivitajiet ta' komunikazzjoni
012	żvilupp ta' għodod, metodi u indikaturi ta' statistika
013	mobilizzar jew segwitu ieħor ta' proġetti ta' riċerka

TABELLA 3: KODIĊIJIET GĦAD-DIMENSJONI TAL-MODALITAJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI

001	Azzjoni speċifika
002	Assistenza ta' emerġenza
003	Azzjonijiet elenkati fl-Anness IV
004	Implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjoni ta' Schengen
005	Implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-valutazzjoni ta' vulnerabbiltà

006	Kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi
007	Azzjonijiet f’pajjiżi terzi

ANNESS VII

Azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ operattiv

(a) Fi ħdan l-għan speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(2)(a), l-appoġġ operattiv għandu jkopri l-kostijiet li ġejjin bil-kundizzjoni li ma jkunux qed jiġu koperti mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-kuntest tal-attivitajiet operattivi tagħha:

(1) kostijiet marbuta mal-persunal;

(2) manutenzjoni jew tiswija ta' tagħmir u infrastruttura;

(3) kostijiet tas-servizz, inkluż f'żoni hotspot fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(4) kostijiet operazzjonali fuq l-operazzjonijiet.

Stat Membru ospitanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 1624/2016[7] jista' juża appoġġ operattiv biex ikopri l-kostijiet operazzjonali tiegħu stess għall-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet operattivi msemmija fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 1624/2016 u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew għal skopijiet ta' attivitajiet ta' kontroll tal-fruntiera nazzjonali tiegħu.

(b) Fi ħdan l-għan speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(2)(b), l-appoġġ operattiv għandu jkopri:

(1) kostijiet tal-persunal, inkluż għat-taħriġ;

(2) il-kostijiet tas-servizz;

(3) manutenzjoni jew tiswija ta' tagħmir u infrastruttura;

(4) kostijiet relatati ma' proprjetà immobbli, inkluż il-kiri u d-deprezzar.

(c) Fi ħdan l-għan speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(1), l-appoġġ operattiv għandu jkopri:

(1) kostijiet tal-persunal, inkluż għat-taħriġ;

(2) ġestjoni operazzjonali u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-infrastrutturi tal-komunikazzjoni tagħhom, inkluża l-interoperabbiltà ta' dawn is-sistemi u l-kiri ta' bini sikur.

(d) Apparti dan ta' hawn fuq, l-appoġġ operattiv fi ħdan il-programm għal-Litwanja għandu jipprovdi appoġġ f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 16.

[7] Ir-Regolament (UE) 1624/2016 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

ANNESS VIII

Indikaturi ta' eżitu u riżultati msemmija fl-Artikolu 25(3)

(a) Għan speċifiku 1: Appoġġ tal-ġestjoni effikaċi integrata Ewropea tal-fruntieri fuq il-fruntieri esterni implimentati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, biex tiġi pprevenuta u identifikata l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera u biex jiġu ġestiti effettivament flussi migratorji;

(1) Infrastruttura għall-kontroll tal-fruntieri, mezzi tat-trasport u oġġetti ta' tagħmir ieħor iffinanzjati bl-appoġġ tal-istrument:

– għadd ta' punti ta' qsim tal-fruntiera ġodda jew imtejba mill-għadd totali ta' punti ta' qsim tal-fruntiera ġodda jew imtejba fl-Istat Membru kkonċernat;

– l-għadd tal-bibien tal-Kontroll Awtomatizzat tal-Fruntieri;

– l-għadd ta' mezzi ta' trasport bl-ajru;

– l-għadd ta' mezzi ta' trasport marittimi;

– l-għadd ta' mezzi ta' trasport bl-art;

– l-għadd ta' oġġetti ta' tagħmir imqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta;

– l-għadd ta' oġġetti oħra ta' tagħmir, li minnhom l-għadd ta' oġġetti ta' tagħmir għat-twaqqif, l-aġġornar jew il-manutenzjoni taż-żoni hotspot għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

– l-għadd ta' oġġetti ta' tagħmir multifunzjonali appoġġati mill-istrument.

(2) L-għadd ta' pożizzjonijiet speċjalizzati f'pajjiżi terzi appoġġati mill-istrument

– uffiċjali ta' kollegament konġunt kif imsemmi fl-Anness III;

– vakanzi oħra speċjalizzati relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri.

(3) L-għadd ta' proġetti ta' kooperazzjoni jew flussi ta' kooperazzjoni stabbilit minn Stati Membri bl-appoġġ tal-istrument bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

(4) L-għadd ta' oġġetti ta' tagħmir użati matul l-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta mixtrija bl-appoġġ tal-istrument mill-għadd totali ta' oġġetti ta' tagħmir li huma rreġistrati fir-Riżerva ta' Tagħmir Tekniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

(5) L-għadd ta' proġetti ta' kooperazzjoni jew flussi ta' kooperazzjoni ta' aġenziji nazzjonali maċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali (NCC) tal-Eurosur stabbiliti bl-appoġġ tal-istrument.

(6) L-għadd ta' persunal imħarreġ f'aspetti relatati mal-ġestjoni integrata tal-fruntieri bl-għajnuna tal-istrument.

(7) L-għadd ta' funzjonalitajiet tal-IT żviluppati, implimentati, miżmuma jew aġġornati bl-appoġġ tal-istrument, inkluż għal finijiet ta' interoperabbiltà:

– SISII;

– ETIAS;

– EES;

– VIS għall-finijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri;

– Eurodac għall-finijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri;

– L-għadd ta' konnessjonijiet ta' sistemi tal-IT tal-Portal Ewropew ta' Tiftix ffinanzjati bl-appoġġ tal-istrument;

– Kull sistema oħra tal-IT fuq skala kbira fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(8) L-għadd ta' rakkomandazzjonijiet tal-Evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-fruntieri u rakkomandazzjonijiet tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà indirizzati bl-appoġġ tal-istrument, mill-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet li għandhom implikazzjonijiet finanzjarji.

(b) Għan speċifiku 2: Appoġġ tal-politika komuni tal-viża biex tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u tipprevjeni r-riskji migratorji u tas-sigurtà:

(1) L-għadd ta' konsulati barra ż-żona ta' Schengen stabbiliti jew aġġornati bl-appoġġ tal-istrument mill-għadd totali ta' konsulati stabbiliti jew aġġornati tal-Istat Membru barra ż-żona ta' Schengen.

(2) L-għadd ta' persunal imħarreġ u l-għadd ta' korsijiet f'aspetti relatati mal-politika komuni tal-viża bl-għajnuna tal-istrument.

(3) L-għadd ta' funzjonalitajiet tal-IT żviluppati, implimentati, miżmuma jew aġġornati bl-appoġġ tal-istrument, inkluż għal finijiet ta' interoperabbiltà:

– VIS;

– EES;

– Kull sistema oħra tal-IT fuq skala kbira fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(4) Għadd ta' forom ta' kooperazzjoni fost l-Istati Membri fl-ipproċessar tal-viżi stabbiliti u aġġornati bl-appoġġ tal-istrument:

– kollokazzjonijiet;

– ċentri komuni għall-applikazzjoni;

– rappreżentazzjonijiet;

– oħrajn.

(5) L-għadd ta' rakkomandazzjonijiet tal-Evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni tal-viżi bl-appoġġ tal-istrument, bħala sehem mill-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet li għandhom implikazzjonijiet finanzjarji.

(6) L-għadd ta' pajjiżi li jirrikjedu l-viża meta l-għadd ta' Stati Membri preżenti jew irrappreżentati żdied bl-appoġġ tal-istrument.